MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2014

Numru. 866/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Donna Camilleri u Kyle Mifsud**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijietmiġjuba fil-konfront ta’ Donna Camilleri ta’ 27 sena, bint Victor Camilleri u Concetta Camilleri nee’ Caruana, imwielda Pieta’ nhar il-5 ta’ Ottubru, 1986, residenti ġewwa Block XIV, Bieb 1, Flat 15, Trejqet il-Ward, Santa Luċija u detentriċi tal-karta tal-identita’ numru 457586M u fil-konfront ta’ Kyle Mifsud ta’ 22 sena, iben Carmel u Charmaine Pace, imwieled Pieta, nhar is-27 ta’ Awissu, 1992, residenti Block XIV, Bieb 1, Flat 15, Trejqet il-Ward, Santa Luċija u detentur tal-karta tal-identita’ Maltija numru 418892M fejn ġew mixlija talli:

1. Nhar is-7 ta` Settembru, 2013 għall-ħabta ta` 23:30 hrs, ġewwa Triq il-Belt il-Ħażna, l-Marsa u f`dawn il-gżejjer, ikkommettew serq ta` wallet li kien fih madwar 80 Euro, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil-ħin u li sar għad-detriment ta` Robert Spiteri.

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ħebbew mingħajr ma darbu għall-persuna ta` Robert Spiteri.

**Lil Donna Camilleri waħedha qed tiġi akkużata wkoll talli:**

1. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi tlajjat għall-skop ta` prostituzzjoni.
2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqset milli tħares il-kundizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Maġistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D. fid-digriet tagħha ta` nhar it-23 ta` Ottubru, 2012 li bih tat il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija personali ta` 5,000 Euro.
3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkommettiet reat waqt il-perjodu operattiv ta` sentenza sospiża mogħtija lilha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Neville Camilleri LL.D. datata 25 ta` Awissu, 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;
4. U aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi rrendiet ruħha reċidiva ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta` Malta wara li hija ġa ġiet misjuba ħatja permezz ta` diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta` Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

**Lil Kyle Mifsud waħdu qed jiġi akkużat ukoll talli:**

1. Fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAR 745 tal-marka Peugeot 205 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan u b`hekk ma kienx kopert b`polza ta` assikurazzjoni.
2. U aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi rrenda ruħu reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta` Malta wara li ġie misjub ħati permezz ta` sentenza mogħtija mill-Qrati ta` Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f`każ ta` ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta` spejjes li jkollhom x`jaqsmu mal-ħatra t`esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta` Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skont il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta` Malta għas-sigurta` ta` dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat li qabel li l-atti ġew rimessi quddiem din il-Qorti kif presjeduta, matul is-seduta tad-9 ta' Settembru 2013 l-Uffiċjali Prosekuturi kkonfermaw l-imputazzjonijiet bil-ġurament tagħhom u matul il-kors tal-eżami tal-imputati skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputati wieġbu li ma kellhomx oġġezzjoni li l-każ jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 21 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputati ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputati, debitament assistiti mill-Avukat Luciano Busuttil, tennew li m'humiex ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom.

Semgħet il-provi prodotti;

Rat li matul is-seduta tal-14 t'April 2014 il-Prosekuzzjoni iddikjarat li ma kellhiex aktar provi x'tipproduċi f'dan il-każ filwaqt li matul is-seduta tat-2 ta' Ġunju 2014 wara li xehdet l-imputata Donna Camilleri id-difiża ddikjarat li għalqet il-provi tagħha

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet matul is-seduta tas-7 ta' Lulju 2014;

**Ikkunsidrat : -**

A. 1. L-ewwel imputazzjoni fir-rigward ta' Donna Camilleri

1. Ix-xhud Robert Spiteri fid-deposizzjoni tiegħu spjega li huwa waqqaf lil-Donna Camilleri biex tirrendilu servizzi sesswali.[1] Kien jafha minn qabel dik l-okkażjoni u ta wkoll indikazzjoni li kien diġa mar magħha qabel.[2] Għarafha mhux biss hemmhekk iżda anke meta ġie muri r-ritratti tagħha mill-Pulizija.[3] Ħadha wara l-fabbriki tal-Marsa bil-karozza tiegħu, qal li reġa' bdielu, ħadha lura u taha €20. Biss imbagħad ġie raġel li ma għarafx min hu – l-anqas fl-awla[4] - u beda jinsisti li ried aktar flus. Hu u Donna kienu għadhom fil-karozza tiegħu u Donna kienet għadha bil-qegħda ħdejh. Dan ir-raġel resaq fid-direzzjoni tan-naħa fejn kien ix-xhud, ċioe tas-sewwieq u spjega li dan ir-raġel qabdu minn għonqu.[5] Jikkonferma li Donna kienet dik li ħaditlu l-kartiera bil-flus mill-but tal-qalziet tiegħu u f'din il-kartiera kellu €80.[6] Hu induna xi minuta wara li Donna kienet ħarġet mill-karozza tiegħu u flimkien ma dan ir-raġel telqu minn fuq il-post b'karozza Peugoet 205 ta' kulur isfar – pero n-numru tar-reġistrazzjoni ma laħaqx ħadu.[7]
2. Li l-kartiera ta' Robert Spiteri kienet ħadithielu Donna Camilleri ġiet ukoll konfermata mill-Uffiċjali Prosekuturi fix-xiehda tagħhom meta jixhdu dwar il-kliem li kien qalilhom Spiteri fis meta kelmuh. L-Ispettur Fleri jirraporta dan a fol 34 u l-Ispettur Robert Vella jikkonferma l-istess fatt a fol 106.[8]
3. Barra minn hekk fl-istqarrija tagħha Donna Camilleri tistqarr l-istess. Din il-Qorti rat u fliet ukoll id-deposizzjoni ta' din ix-xhud a fol 191 u wara li għarblet din ix-xiehda skont il-kriterja stabbiliti fl-Artikoli 637 tal-Kodiċi Kriminali u qegħda tqis din id-deposizzjoni (fl-aħjar ipoteżi bħala li) mhux attendibbli f'dik il-parti fejn tiddeskrivi l-inkontru li kellha ma Robert Spiteri u l-fatt li ma rat ebda inċident u li ma ħadet ebda kartiera jew flus. Il-Qorti qegħda tistrieħ fuq il-verżjoni mogħtija minnha fl-istqarrija rilaxxjata minnha ukoll għaliex il-fatti hemm rakkontati jikkorroboraw dak li kien stqarr Robert Spiteri. F'dan is-sens il-verżjoni tal-imputata fl-istqarrija tagħha lill-Pulizija tidher li hija ferm aktar attendibbli minn dik orkestrata a fol 191 li din il-Qorti qegħda tiskarta.
4. Fl-istqarrija tagħha a fol 57[9] l-imputata tikkonferma l-fatti saljenti tal-inċident li nqala ma' Robert Spiteri dwar il-flus li skont hi kellu jħallasha tas-servizzi sesswali prestati minnha. Ikkonfermat li kienet niżlet il-Marsa għall-xogħol ta' prostituzzjoni. Ikkonfermat li ltaqgħet ma' Robert Spiteri, li kienet tafu minn qabel għax kien klijent tagħha wkoll, ikkonfermat li marru wara l-fabbriki, li għamlu attivita' sesswali flimkien u wara tgħid hekk :-

[1] Ara deposizzjoni ta' Robert Spiteri a fol 67 u 68.
[2] Ara deposizzjoni ta' Robert Spiteri a fol 74.
[3] Ara deposizzjoni ta' WPS110 Maria Scicluna a fol 126.
[4] Ara deposizzjoni ta' Robert Spiteri a fol 73.
[5] dan għamlu billi wera permezz ta' sinjal b'idu li ma ġiex naturalment reġistat a fol 70.
[6] Ara deposizzjoni ta' Robert Spiteri a fol 81.
[7] Ara deposizzjoni ta' Robert Spiteri a fol 72.
[8] Il-Qorti qegħda tieħu dawn l-istqarrijiet tal-Uffiċjali Prosekuturi bħala li jikkonfermaw li Robert Spiteri qal dak il-kliem u mhux bħala prova tal-fatt innifsu għax dwar dan xehed Spiteri stess. Ara "Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi", Qorti Kriminali, LQ, deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011.
[9] Li din il-Qorti ma għandha ebda dubju li ingħatat mill-imputata minn jeddha, mingħajr theddid, wegħdi jew promessi ta' vantaġġi u mingħajr ebda pressjoni

malli lestejna inzilna lura il-Marsa u tlabtu il-flus u qalli li ser itini 20 Euro u jiena ghidtlu 5 Euro u qalli le u kien ha jsuq bijja u jien gbidtlu ic-cavetta u rega jadhieli u taghni daqqa go wicci u **<u>hadtlu l-kartiera mill-but u nzilt mill-karozza</u>** nigri u huwa dawwar bil-karozza biex jigi ghalija malli wasal hdejja nizel mill-karozza ghalija..

5. Il-Qorti hija konvinta moralment minn din l-istqarrija tal-imputata u mid-deposizzjoni ta' Robert Spiteri li fil-fatt kienet l-imputata Camilleri li serqet il-kartiera ta' Spiteri. Il-Qorti hija moralment konvinta wkoll li dan is-serq huwa aggravat bil-ħin. Fil-fatt mix-xiehda ta' WPS224 Susanne Mifsud u mill-PIRS a fol 132 jirriżulta li l-kwerela minn Robert Spiteri saret f'nofs il-lejl neqsin għoxrin u l-inċident ma l-imputata seħħ għal xil-23:30.
6. Jibqa l-aggravju tal-vjolenza. F'dan il-każ jidher li min eżerċita l-att "vjolenti" kontra Robert Spiteri ma kienetx Donna Camilleri, li kienet pronta ħatfitlu l-kartiera u ħarbet biha, iżda dak ir-raġel li kien mar qabad lil Robert Spiteri minn għonqu għax ried li dan iħallas lil Donna Camilleri il-flus li kienet qed titolbu. Il-Qorti tqis li dan kien att ta' vjolenza kontra Robert Spiteri tant li meta dan ir-raġel ħatfu minn għonqu Robert Spiteri ħassu maħsud u kellu qata' fuqu.[10] Ma ġiex pruvat li dan l-att ta' vjolenza kontra Robert Spiteri sar fil-kuntest tas-serqa tal-kartiera u sar sabiex tkun tista ssir din is-serqa tal-kartiera. L-azzjoni vjolenti fuq Robert Spiteri tidher li kienet eżerċitata minn dan ir-raġel fil-kuntest tad-diskors li kien qiegħed jgħid li kien qed jippretendi aktar flus mingħandu għas-servizzi li tatu Donna Camilleri. Is-sekwenza deskritta minn Robert Spiteri a fol 70 turi dan aktar milli tipprova li Spiteri ġie miżmum minn għonqu minn dan ir-raġel sabiex jiġi immobilizzat biex b'hekk Donna Camilleri tkun tista tisraqlu l-kartiera. Din l-aħħar ipoteżi ma ġietx sodisfaċentement pruvata. Anzi Robert Spiteri mitlub jiddeskrivi x'ġara meta dar-raġel ħatfu minn għonqu, Spiteri jgħid li dan ir-raġel "....ried iktar flus imbaghad x'jisimha...."
7. Ma ġiex pruvat li l-azzjoni ta' dan ir-raġel u dik ta' Donna Camilleri kienu sinkronizati u maħsuba biex isir is-serq tal-kartiera. Is-sekwenza tax-xiehda ta' Spiteri twassal lil Qorti tikkonkludi li dak li dan ir-raġel ried jagħmel huwa li jbeżża lil Robert Spiteri biex Spiteri iċedi għat-talba tiegħu li jħallas lil Donna Camilleri il-flus li kienet qed titlob. U waqt li kienet għaddejja din il-manuvra, Donna Camilleri kienet pronta u ħatfitlu l-kartiera.
8. Il-Qorti mhix konvinta moralment li l-provi jippruvaw li din l-azzjoni vjolenti kienet tifforma parti mill-kumpless tal-eżekuzzjoni tar-reat tas-serq tal-kartiera kommess minn Donna Camilleri skont dak meħtieġ mill-Artikolu 262(1)(a)(b) tal-Kodiċi Kriminali. L-anqas ma jirriżulta li, in konsegwenza għal fatt li ġie miżmum minn għonqu, Robert Spiteri sofra xi offiża fuq il-persuna tiegħu, jew li ġie ssekwestrat,[11] jew li meta ġie miżmum minn għonqu Robert Spiteri ġie mhedded b'omiċidju jew b'offiża fuq il-persuna tiegħu jew ta' ħsara fuq il-proprjeta tiegħu. L-anqas ġie pruvat jekk dan ir-raġel preżentax ruħu armat. Dawn huwa l-fatti (mhux kumlativi) rikjesti mill-Artikolu 262(1) tal-Kodiċi Kriminali li jridu jiġu pruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Apparti minn hekk l-anqas ġew soddisfaċentement ippruvati xi wieħed mill-kriterja msemmija fl-Artikolu 262(2) tal-Kodiċi Kriminali fis-sens li l-vjolenza użata fuq Spiteri kienet intiża li tgħin il-konsumazzjoni tas-serq,

[10] Ara deposizzjoni ta' Robert Spiteri a fol 75.
[11] A differenza li jkun ġie arrestat illegalment

jew li saret biex Donna Camilleri ma tinqabadx li serqet lil Spiteri, jew li ġiet eżerċitata biex Camilleri tinħeles mill-għagħa ta' Spiteri jew ta' ħaddieħor jew li l-vjolenza ġiet eżerċitata fuq Spiteri sabiex jiġi impedut milli jieħu lura l-kartiera misruqa lilu minn Camilleri, jew b'vendikazzjoni kontra Spiteri talli ma ħallihomx jisirquh jew talli ħadulu l-kartiera lura jew talli jkunu ġew mikxufa bħala l-ħallelin. F'dan il-każ din il-prova ma tresqitx u għalhekk tqis li l-kwalifika tal-vjolenza fis-serq kommess minn Donna Camilleri ma ġietx sodisfaċentement pruvata.

A. 2. <u>L-ewwel imputazzjoni fir-rigward ta' Kyle Mifsud</u>

1. Robert Spiteri ma jirnexxielux jidentifika lil Kyle Mifsud bħala dak ir-raġel li kien preżenti ma' Donna Camilleri meta huwa ġie misruq minnha u li żammu minn għonqu. Id-dettalji li joffri Spiteri ta' dan ir-raġel waħedhom ma jsawrux f'din il-Qorti l-konvinċiment morali li dak ir-raġel kien fil-fatt Kyle Mifsud.
2. Huwa minnu li fl-istqarrija tagħha l-imputata tqiegħed lil Kyle Mifsud fil-post fejn seħħ l-inċident ma' Robert Spiteri, iżda din il-Qorti ma tistax tqis din il-parti tal-istqarrija bħala prova kontra Kyle Mifsud u dan minħabba dak dispost mill-Artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali in kwantu dik il-konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra. Inoltre matul id-deposizzjoni tagħha l-imputata ma tgħid xejn dwar Kyle Mifsud ħlief li ma kienx magħha. U anke kieku qalet xi ħaġa fuqu din xorta waħda tali xiehda kienet tkun inammissibbli u dan in bażi għall-prinċipju li dak kollu li jistqarr ko-akkużat ma jagħmilx prova la favur u l-anqas kontra ko-akkużat ieħor.[12] Dak li stqarret l-imputata Camilleri fuq Kyle Mifsud, minkejja li jtarrax, ma jistax jiġi mismugħ minn din il-Qorti.
3. Kyle Mifsud l-ewwel irrilaxxja stqarrija nhar it-8 ta' Settembru 2013 fis-14:14 fejn ma wieġeb għal ebda domanda. Imbagħad, fis-18:10, wara li ġie konfrontat mill-Ispetturi Fleri u Vella li Donna Camilleri kienet għamlet statement, huwa għażel it-triq kavallereska li jinvolvi lilu nnifsu fuq il-post tal-inċident fil-Marsa. Iżda l-istorja li jirrakkonta huwa a fol 59 ma taqbel xejn ma' dik rakkontata minn Donna Camilleri ftit qablu fl-istqarrija tagħha u mal-verżjoni ta' Robert Spiteri in kwantu fl-istqarrija tiegħu Kyle Mifsud itenni li kien hu li seraq il-kartiera lil Robert Spiteri u mhux Donna Camilleri. Mifsud jgħid li niżel il-Marsa bil-mixi, Robert Spiteri kien għaddej bil-karozza, waqaf ikelmu, Mifsud ħadlu l-wallet li kien fuq is-seat tal-passiġġier tan-naħa tax-xellug u telaq. Meta ġara dan kollu, Mifsud jgħid li Donna kienet id-dar – u dan minkejja li ftit sekondi qabel kien qal li kien magħha l-Marsa. Mifsud jiċħad li huwa qabad lil dan ir-raġel minn għonqu. Il-flus nefaqhom u minkejja dan ma kienx lest li jħalsu lura lil dan ir-raġel. Apparti minn hekk stqarr li meta ħadlu l-wallet Donna Camilleri ma kienetx miegħu. Jgħid ukoll li ma kienx liebes beritta f'rasu. L-anqas ma kien qiegħed isuq Peugoet 205 safra dakinhar.
4. Din l-istqarrija tikkuntrasta bil-kbir il-fatti kif rakkuntati minn Donna Camilleri fl-istqarrija tagħha u kif xehed Robert Spiteri. Il-Qorti ma tistax ittiha kredibbilta dwar il-fatt li kien hu li seraq il-kartiera ta' Spiteri għaliex minn imkien mill-provi ma

[12] "Il-Pulizija vs Carmelo Camilleri u Theresa Agius", Qorti tal-Appell Kriminali, VDG, deċiża nhar il-11 ta' lulju 1997.

rriżulta li fil-fatt kien Kyle Mifsud li seraq il-wallet lil Robert Spiteri. Dak li rriżulta dwar is-serqa kien dak imsemmi fil-paragrafu A1 hawn fuq imsemmi. Il-problema li għandha din il-Qorti hija sa fejn tista temmen minn din l-istqarrija. Jekk il-Qorti ma temminx li kien hu li wettaq is-serqa, ma tistax issibu ħati ta' kompliċita' fis-serqa biss mid-deposizzjoni ta' Spiteri u dan għaliex lil Mifsud, Spiteri m'għarfux. L-anqas ma tista l-Qorti ssibu lil Mifsud ħati ta' kompliċita fis-serq mill-istqarrija tiegħu stess għaliex kif intqal dik il-parti tal-istqarrija dwar kif seħħet is-serqa mhix kredibbli.

5. Biex il-Qorti tasal li tqis lil Mifsud kompliċi fis-serqa tkun trid tagħmel dan biss b'riferenza għall-istqarrija ta' Camilleri – u li kif intqal hija ħaġa li din il-Qorti ma tistax tagħmilha minħabba regoli tal-proċedura kriminali. U anke jekk wieħed, *gratia argomenti* biss, setgħa jqis dik id-deposizzjoni xorta waħda kien jifdal l-ostaklu li l-Prosekuzzjoni riedet tipprova li kien hemm il-pre-konċert bejniethom biex isir ir-reat tas-serq tal-kartiera – ħaġa li bir-rispett kollu – ma tirriżultax lil hinn minn kull raġjonevoli dubbju. L-istess jista' jingħad għall-istqarrija tiegħu a fol 59 li - fis-7 ta' Settembru 2013 fil-23:30 kien il-Marsa u kien ma Donna – b'din l-istqarrija biss il-Qorti ma tistax serenament tikkonkludi u għar-raġuni miġjuba fis-sentenza preċedenti - li kien hemm l-elementi kollha pruvati għalbiex Mifsud jitqies kompliċi ma' Camilleri fir-reat ta' serq tal-kartiera.

6. Fin-nuqqas t'identifikazzjoni pożittiva ta' Kyle Mifsud mill-vittma, fin-nuqqas ta' kredibbilta' tal-verżjoni ta' Kyle Mifsud għar-raġuni premessa u fin-nuqqas tal-possibilita ta' użu tal-istqarrija ta' Camilleri kontrih, din il-Qorti hija kostretta li tqis lil Kyle Mifsud bħala mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

B. <u>1. It-tieni imputazzjoni fil-konfront ta' Donna Camilleri</u>

1. Minn imkien mill-provi ma jirriżulta li Donna Camilleri b'xi mod ħebbet għal Robert Spiteri. Jirriżulta li hija talbitu għal aktar flus, pero ma hemmx prova ta' ħebb fil-konfront tiegħu. Fl-istqarrija tagħha Camilleri tgħid li ħaditlu ċ-ċavetta tal-karozza u reġgħa ħadhielha u kien Spiteri, skontha li ta' daqqa ġo wiċċha. Kien hemm li ħaditlu l-kartiera u niżlet tiġri mill-karozza. Il-Qorti ma tistax issibha ħatja ta' din l-imputazzjoni u minnha ser tilliberaha.

<u>B. 2. It-tieni imputazzjoni fil-konfront ta' Kyle Mifsud</u>

1. Għar-raġunijiet imsemmija fil-paragrafu A.2. din il-Qorti ma tistax issib lil Kyle Mifsud ħati tagħha għaliex ma ġiex soddisfaċentment ippruvat li kien Kyle Mifsud ir-raġel li mar mat-tieqa ta' Robert Spiteri u qabdu minn għonqu. Il-Qorti għalhekk ma tistax issibu ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih u minnha sejra tilliberah.

**Imputazzjonijiet kontra Donna Camilleri waħedha**

C. 1. L-ewwel imputazzjoni partikolari kontra ta' Camilleri – tlajjar għal skop ta' prostituzzjoni.

1. Kemm mill-istqarrija ta' Camilleri a fol 57;[13] kemm minn dak li jixhed Robert Spiteri a fol 63 sa 65[14] kif ukoll minn dak li stqarret l-istess imputata Camilleri fid-deposizzjoni tagħha a fol 191[15] din il-Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li dan ir-reat seħħ skont kif kontestat lill-imputata. Għalhekk sejra tiġi misjuba ħatja tagħha.

C.2. It-tieni imputazzjoni partikolari kontra ta' Camilleri – nuqqas ta' tħaris tal-

kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest.

1. Il-Prosekuzzjoni preżentat dokument a fol 111 li huwa digriet fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Brian Pace et" tat-23 t'Ottubru 2012 li kien ġie maħruġ fil-konfront ta' "Donna Camilleri" fejn fil-kundizzjoni numru 4 tiegħu jingħad ċar li l-persuna imputata ma kellhiex tikkommetti delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li tkun meħlusa mill-arrest. A fol 187 xehed l-Ispettur Jason Francis Sultana li huwa l-Uffiċjal Prosekutur fil-kawża li fiha kien ingħata dak id-digriet. Huwa identifika lil Donna Camilleri bħala l-imputata f'dawk il-proċeduri kif ukoll li kienet l-istess persuna li ingħatawlha l-kundizzjonijiet imsemmija f'dak id-digriet. Identifika lill-imputata preżenti fl-awla. S'hawnhekk kollox sew. L-unika ħaġa pero l-Prosekuzzjoni donnha ma għamlitx distinzjoni bejn il-prova tal-identita għall-fini tar-reċidiva u l-prova li trid titressaq fil-każ li persuna tkun mixlija li kisret il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest. F'dan il-każ, minbarra d-digriet, konnotati, identifikazzjoni eċċetra il-Prosekuzzjoni trid tipprova wkoll li l-proċeduri li fihom dawk il-kondizzjonijiet ikunu ingħataw ikunu għadhom pendenti fil-mument meta jkun ġie kommess id-delitt ta' natura volontarja. Dan għaliex fil-każ li dawk il-proċeduri kriminali jkunu ġew mitmuma, jintemmu wkoll il-kondizzjonijiet marbuta magħhom – salv il-każ t'appell mis-sentenza fejn jistgħu ikunu ritenuti viġenti skont l-Artikolu 416(1A) tal-Kodiċi Kriminali. F'dan il-każ din il-prova tal-viġenza tal-proċeduri penali fil-mument tal-kommissjoni tad-delitt ta' natura volontarja ma nġabitx mill-Prosekuzzjoni u għalhekk il-Qorti ma tistax tassumi li għadhom pendenti ladarba din il-prova ma nġiebetx fl-atti mill-

13 "Jien kont il-Marsa għall-prostituzzjoni".
14 u ċioe' għall-ħabta tal-23:30, fil-Marsa, mit-triq li tieħdok għax-xatt ħdejn il-White Brothers, Donna Camilleri kienet qegħda hemm fit-triq, xegħelilha d-dwal, waqaf ħdejha bil-karozza biex ikellimha, Camilleri kienet qegħda hemm bil-pass, telgħet miegħu fil-karozza u tkelmu dwar prestazzjonijiet sesswali li kellha tipprestalu versu l-ħlas ta' €20, €40 jew €50 – għax mhux ċar eżattament kemm kienet it-tariffa tagħha.
15 "F'dak il-lejl kont qegħda l-Marsa, ġie wieħed u rkibt miegħu fil-karozza, kelna x'naqsmu flimkien u l-għada ġabruni".

Prosekuzzjoni. Għalhekk din il-Qorti sejra ssib li din il-imputazzjoni ma ġietx soddisfaċentement pruvata sal-grad rikjest mill-Liġi.

C.3. It-tielet imputazzjoni partikolari kontra ta' Camilleri – kommissjoni tar-reat

Waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża.

1. F'dan il-każ il-Prosekuzzjoni produċiet kopja awtentika tas-sentenza mogħtija kontra ta' Donna Camilleri minn din il-Qorti diversament presjeduta u datata 25 t'Awissu 2012. Il-konnotati ta' Donna Camilleri imsemmija f'dik is-sentenza huma identiċi għal dawk tal-imputata Donna Camilleri. Ġie pruvat f'dan il-każ li r-reati ipotizzati u li sejra tiġi misjuba ħatja tagħhom Donna Camilleri seħħew fis-7 ta' Settembru 2013 u ċjoe fi żmien ftit aktar minn sena minn meta ingħatat is-sentenza ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin. Din l-imputazzjoni qegħda tiġi meqjusa bħala li ġiet soddisfaċentement pruvata.

C.4. Ir-raba' imputazzjoni partikolari kontra ta' Camilleri – reċidiva

1. F'dan il-każ il-Prosekuzzjoni produċiet kopja awtentika tas-sentenza mogħtija kontra ta' Donna Camilleri minn din il-Qorti diversament presjeduta u datata 25 t'Awissu 2012. Il-konnotati ta' Donna Camilleri imsemmija f'dik is-sentenza huma identiċi għal dawk tal-imputata Donna Camilleri. Din l-imputazzjoni qegħda tiġi meqjusa bħala li ġiet soddisfaċentement pruvata u r-reċidiva skont l-Artikoli 49 u 50 sejra tiġi meqjusa minn din il-Qorti fil-parametri tal-Artikolu 28F tal-Kodiċi Kriminali. Mill-banda l-oħra mhix ser tiġi meqjusa reċidiva ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali in kwantu l-prova ta' din ir-reċidiva ma tresqitx permezz tas-sentenzi rilevanti.

**<u>Imputazzjonijiet kontra Kyle Mifsud waħdu</u>**

D. 1. Sewqan tal-vettura Peugoet 205 numru tar-reġistrazzjoni AAR-745 mingħajr liċenza.

1. Għar-raġunijiet imsemmija fil-paragrafu A.2. din il-Qorti ma tistax issib lil Kyle Mifsud ħati tagħha. Dan għaliex ma ġiex soddisfaċentment ippruvat li kien Kyle Mifsud ir-raġel li mar mat-tieqa ta' Robert Spiteri, qabdu minn għonqu u li wara telaq minn fuq il-post bil-vettura Peugoet 205 numru tar-reġistrazzjoni AAR-745. Inoltre fl-istqarrija tiegħu a fol 59 l-imputat Mifsud jgħid li niżel il-Marsa bil-mixi u jiċħad li huwa saq il-Peugoet 205 safra. Il-Qorti għalhekk ma tistax issibu ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih u minnha sejra tilliberah.

D.2. Sewqan tal-vettura Peugoet 205 numru tar-reġistrazzjoni AAR-745 mingħajr

liċenza.

1. Ladarba din il-Qorti ma setgħetx issib lil Kyle Mifsud ħati tal-imputazzjonijiet prinċipali miġjuba kontra tiegħu l-anqas ma tista' ssibu ħati tal-imputazzjoni sussidjarja tar-reċidiva kontestata lilu.

***<u>GĦALDAQSTANT</u>***

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, 28A, 28B, 28F, 49, 50, 261(a)(f), 262(1)(a)(b)(2), 270, 281(a), 289, 339(1)(d) u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Liġijiet ta' Malta u wkoll l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta qegħdha ssib lil : -

(a) Kyle Mifsud mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u minnhom tilliberah minn kull ħtija u piena;
(b) Donna Camilleri mhux ħatja tat-tieni imputazzjoni komuni (dik tal-ħebb) kif ukoll tat-tieni imputazzjoni partikolari għaliha (dik tan-nuqqas ta' tħaris tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest) u għalhekk tilliberaha minn kull ħtija u piena dwarhom iżda fl-istess ħin qegħda ssib lill-istess Donna Camilleri, reċidiva f'delitti, ħatja tal-ewwel imputazzjoni komuni miġjuba kontra tagħha b'dan li pero s-serq qiegħed jiġi ritenut kommess bil-kwalifika tal-ħin iżda mhux ukoll bil-kwalifika tal-vjolenza (minn liema kwalifika qegħda tiġi meħlusa); tal-ewwel imputazzjoni partikolari għaliha (ċioe dik tat-tlajjar għall-fini ta' prostituzzjoni); tat-tieni imputazzjoni partikolari għaliha (ċioe dik tal-kommissjoni tar-reati waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża) u tat-tielet imputazzjoni partikolari għaliha (ċioe dik tar-reċidiva) u tikkundannaha

(i) Kwantu għall-ewwel imputazzjoni komuni miġjuba kontra tagħha b'dan li pero s-serq qiegħed jiġi ritenut kommess bil-kwalifika tal-ħin iżda mhux ukoll bil-kwalifika tal-vjolenza; tal-ewwel imputazzjoni partikolari għaliha (ċioe dik tat-tlajjar għall-fini ta' prostituzzjoni); u tat-tielet imputazzjoni partikolari għaliha (ċioe dik tar-reċidiva) għall-piena ta' tnax il-xahar priġunerija;

(ii) Kwantu tat-tieni imputazzjoni partikolari għaliha (ċioe dik tal-kommissjoni tar-reati waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża) din il-Qorti tqis li l-ksur tat-termini tas-sentenza ta' sentejn priġunerija sospiża kien ksur serju kommess b'reati kriminali volontarji u li għalihom hemm piena ta' priġunerija u għalhekk il-Qorti wara li rat l-Artikoli 28A u 28B tal-Kodiċi Kriminali, qiegħda ssib li Donna Camilleri wetqet ir-reati hawn fuq imsemmija li għalihom hemm piena ta' priġunerija matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża, u ai termini tal-Artikolu 28B(1) tal-Kodiċi Kriminali qiegħda tagħżel li titratta magħha għar-rigward tas-sentenza sospiża u konsegwentement qiegħda tordna li s-sentenza ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin għandha tibda' sseħħ b'effett immedjat.

Għall-fini ta' kjarezza, il-Qorti għalhekk qiegħda, b'din is-sentenza, tikkundanna lil Donna Camilleri għal perjodu ta' priġunerija komplessiva ta' tliet snin.

***Mogħtija illum is-6 t'Ottubru 2014 fil-Bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------